**Kunsill Lokali l-Imsida**

**Rapport Annwali Amministrattiv**

**Jannar – Diċembru 2017**

**Werrej**


1.0 Introduzzjoni

2.0 Il-Kunsill

2.1 Kunsilliera u karigi

2.2 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill

2.3 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill

2.4 Kunmitat Amministrattiv Swatar

3.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

3.1 Ilmenti

3.2 Kuntatt

3.3 Xoghol ta' kuljum

3.4 Xoghol iehor u progetti

3.5 Edukazzjoni u kultura

3.6 Kunsill Lokali Zghazagh (KLZ)

4.0 Konklużjoni

Tabella Numru 1 – Attendenza tal-Kunsilliera, Kunsill Lokali L-Imsida

## 1.0 Introduzzjoni

L- 2017 kienet l-ewwel sena shiha li qdejt id-dmirijiet bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imsida, fejn kienet sena li offriet bosta opportunitajiet biex intejbu l-operat tal-Kunsill.

Dejjem bl-għajnuna tas-Sindku, il-kunsilliera u l-ħaddiema tal-kunsill bdejt biex nagħmel tajjeb għall-perjodu twil t'assenza ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Imsida, fejn gew organizzati u mtejjba numru ta' servizzi.

Nemmen illi bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill Lokali tal-Imsida kellu, matul l-2017, għamel passi kbar 'il quddiem u qed jirsisti sabiex jara li l-Imsida tingħata l-ġieh illi jixirqilha u kemm-il darba matul l-2018, il-Kunsill jimxi fuq l-istess passi, żgur li l-Lokalita' u r- residenti jkunu qed igawdu minn servizzi ahjar.

L-ghan tal-estimi finanzjarji ghas-sena 2017, kien biex titjieb il-pozizzjoni finanzjarja biex il-Kunsill Lokali tal-Imsida ikun jista' jaqdi ahjar il-funzjoni tieghu. Ghalhekk kien ta' sodisfazzjon li l-Kunsill Lokali ghalaq is-sena b'bilanc posittiv li jippermetti biex titkompla il-hidma biex il-lokal tal-Imsida ikun ahjar.

L-allokazzjoni ghas-sena 2018 hija €593,666.12, li flimkien ma' estimi ohra ta' dhul, ghandha tghejn b' mod sostanzjali z-zieda fin-nefqa operattiva u amministrattiva biex jinghataw dawk is-servizzi mitluba mill-funzjoni tal-Kunsill Lokali ghas-snin li ġejjin, filwaqt li jipprovdi servizzi oħrajn ġodda.
Ta' min isemmi li qed nanticipaw tibdil ghall-ahjar meta ssir ir-riforma fil-ligi tal kunsilli lokali li se twassal ghall-funzjonijiet u responsabbilita' aktar aggornata mal-bzonnijiet tallum.

Waħda mill-akbar sfidi li l-Kunsill lokali tal-Imsida qieghed jiffaċċja ta' kulljum, fl'operat tiegħu, huwa n-numru li dejjem qed jikber ta' permessi tal-kostruzzjoni, li eventwalment dan iwassal ghal bejgh jew kiri ta' propjeta' li wkoll twassal ghal numru akbar ta' residenti lokali u ohrajn barranin li ghal diversi ragunijiet jigu jghixu gol-Imsida fejn anke dawn jibdew igawdu mis-servizzi offruti mill-Kunsill Lokali.

Minhabba din iz-zieda fil-volum ta' xoghol inhasset il-htiega biex jizdied in-numru ta' impjegati amministrattivi minn 4 ghal 5 biex flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ikunu jistghu ilahqu mat-talba dejjem tikber tas-servizzi offruti u xoghol amministrattiv.

Bil-ghan li titjieb l-efficjenza, qed jittiehdu passi biex ikun hemm aktar supervizjoni lokali fuq dak li qed jigri fil-Lokalita'. Dawn ghandhom ikunu qed jivverifikaw u jiehdu azzjoni mehtiega fejn jidhlu ;

- Permessi jew abbuz mill-izvillupaturi ,
- Jghinu lill-amministrazjoni fil-verifika jew assistenza ghall-ilmenti tar-residenti
- Jaghmlu dak kollu neccessarju biex jizguraw li dawk il-kuntratturi li huma mqabbda mill-kunsill lokali tal-Imsida biex jaghtu xi servizz jghamluh kif xieraq u skond il-kuntratt.

B'dispjacir nghid li l-Kunsill Lokali tal-Imsida ghadu qed jiffaċċja nuqqas ta' kooperazzjoni minn fost xi residenti li ma josservawx il-ħinijiet li suppost joħroġu l-iskart u numru ta' abbużi oħra. Dan dejjem qed iwassal biex boroż tal-iskart u materjal ieħor qed jibqghu barra fit-toroq għal ħinijiet twal, li ma jagħmel xejn tajjeb, kemm għall-iġjene kif ukoll għad-dehra ta' din il-Lokalita' li jixirqilha ferm aħjar. Qed isir kull sforz biex din is-sitwazzjoni tittranga u hemm ppjanati numru ta' azzjonijiet biex dawn l-abbuzi jitrazznu fosthom;

- Kampanja edukattiva permezz ta' korrespondenza u tqassim ta' fuljetti informattivi fid-djar
- Installazzjoni ta' kameras li jistghu jigu mmexxija minn post ghall-iehor go zoni fejn qed isiru hafna abbuzi
- Introduzzjoni ta' ghassa regolari u f'hinijiet differenti fl-inhawi fejn qed isiru hafna abbuzi biex isir l-infurzar mehtiega biex jigu mrazzna dawk kollha li ma ghandhomx rispett lejn il-girien taghhom.

Fis-sena ttieħdu diversi inizjattivi utli fejn ġie ppjanat u sar xogħol ta' tisbieh u manutenzjoni li ser jinghata aktar dettal fuqhom fir-rapport.

Matul l-2018 ser jkun qed jissarraf pjanijiet ta' tisbieh lil din il-Lokalita' u ghalhekk hemm dejjem bzonn ta' aktar fondi biex jitwettaq il-program shih ta' manutenzjoni mehtiega fuq bankini u hitan li ghandu isir mill-haddiema assenjati mal-kunsill filwaqt li jibdew numru ta' progetti ga ppjanati fosthom;

- Manutenzjoni u kostruzzjoni ta' bankini godda
- Tisbieh fil-bandli tas-Swatar u tal-imsida permezz ta' Manutenzjoni u installar ta' cintar gdid, twapet godda u apparat tal-Gym fil-bandli tas-Swatar u l-Imsida
- Manutenzjoni u tisbieh fil-gonna pubblici u installar ta' apparat rekreattiv gdid biex ikun hemm uzu ahjar tal-ispazji pprovduti ghall-publiku.

Għas sena 2018 il-Kunsill Lokali tal-Imsida huwa determinat biex ikompli jaħdem u jinsisti biex tinghata l-precedenza ghat-tiswija tat-Toroq mill-awtorita' li se tkun responsabbli, filwaqt li bhas-snin l-ohra ikompli jorganizza, jiehu sehem u jippartecipa f'bosta attivitajiet u inizjattivi, kemm socjali, kulturali u edukattivi ma' diversi ghaqdiet, NGO's u l-awtoritajiet Ghas-Sigurta' fost ohrajn.

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv

## 2.0 Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali tal-Imsida, raħal ta' madwar 9,233 (Dati mehuda minn fuq Registru Elettorali ta' Ottubru 2017 u popolazzjoni reali hija ferm ikbar. Infatti l-popolazzjoni zdiedet b'798 bejn is-sena 2015 u is-sena 2016. Dawn il-figuri gew ippublikati fil-gazzetta tal-gvern, nru 19,957, fis-6 ta' Marzu, 2018. Il-Kunsill huwa magħmul minn disa' kunsilliera eletti.

Il-Kunsill elett matul din il-leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta' April, 2013. Din il-leġiżlatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' sitt snin, jiġifieri sas-sena 2019, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġiżlatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

## 2.1 Kunsilliera u Karigi

Il-Kunsill Lokali huwa magħmul mis-Sindku u tmien kunsilliera. Kull wieħed għandu r-responsabbilita' ta' kumitat u/jew sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbilitajiet mogħtija lilu bil-Kap 363 ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, huwa mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu erba' uffiċċjali jassistuh, minbarra numru ieħor ta' esperti bħall-perit, *quantity surveyor* u avukat fost l-oħrajn. Il-funzjoni tal-kumitati u s-sotto kumitati huma li jipproponu u jassistu lill-Kunsill fil-pjanijiet tiegħu sabiex iwettaq ir-responsabbilitajiet fdati lill-Kunsill, bħala l-gvern lokali tal-Imsida.

**Il-karigi tal-Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill huma s-segwenti:**

1. Sindku Margaret Baldacchino Cefai: Customer Care, Rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Reġjun, Edukazzjoni u Kultura, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd
2. Viċi-Sindku Dr. Alex Sciberras: Finanzi u Fondi tal-UE, sostitut tas-Sindku fuq il-Kumitat tar-Reġjun
3. Kunsillier Lino Bartolo: Anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali, Ġonna Publiċi
4. Kunsillier Emanuel Brincat: Infrastruttura (MEPA), Traffic Management
5. Kunsillier Charles Selvaggi: Infrastruttura (MEPA), Traffic Management, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd
6. Kunsillier Maurice Agius: Indafa Pubblika u Anzjani
7. Kunsillier Alan Abela-Wadge: Żgħażagħ u Sport
8. Kunsillier Romina Galea: Żgħażagħ u Sport
9. Kunsillier Matthew Agius: Fondi ta' l-UE, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd
10. Kumitat tal-Finanzi huma Margaret Baldacchino Cefai, Avv. Alex Sciberras, Lino Bartolo, Maurice Agius u Alan Abela Wadge.
11. Kumitat tal-Offerti Pubblici huma : Margaret Baldacchino Cefai, l-Avv Alex Sciberras, Lino Bartolo, Emanuel Brincat u Matthew Agius.

## 2.2 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill

L-amministrazzjoni tal-Kunsill matul 2017 kienet komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| *Segretarju Eżekuttiv* | Alan Vella |

Is-Segretarju Ezekuttiv huwa responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, kemm mill-lat amministrattiv, finanzjarju u dak legali.

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rachel Aquilina | *Assistent prinċipal* - Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi u riżorsi umani. |
| Is-Sinjura Sonia Vassallo | *Assistent prinċipal* – Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi, permessi u hlasijiet. |
| Is-Sinjorina Mirane Camilleri | *Assistant principal* – Responsabbli mill-midja, facebook, stimi u xiri. |
| Is-Sinjura Gemma Cassar | *Skrivana* – Responsabbli għar-relazzjonijiet Publici, Servizzi u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |

Xogħlijiet madwar il-Lokalita':

Is-Sur John Micallef : Quality Service & Works supervisor (sekondat)
01 ta' Jannar sas-27 ta' Settembru

Is-Sur Jesmond Schembri: Quality Service & Works supervisor (sekondat)
1 ta' Novembru sal-31 ta' Dicembru

Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Generoso Abela: | Industrial Project Services Ltd | 1 ta' Jannar sat-30 ta' Gunju |
| Is-Sur Joe Gerada: | Industrial Project Services Ltd | 1 ta' Lulju sal-24 ta ta' Lulju |
| Is-Sur Joseph Baldacchino: | District Operations | 1 ta' Jannar sal-31 ta' Dicembru |
| Is-Sur George Grima: | District Operations (Supervisor) | 1 ta' Jannar sal-31 ta' Dicembru |
| Is-Sur Ricky Scerri: | District Operations | 19 ta' Gunju sal-31 ta' Dicembru |
| Is-Sur Roderick Grech: | District Operations | 1 ta' Gunju sal-24 ta' Gunju |
| Is-Sur Anthony Grech: | District Operations | 16 ta' Ottubru sal-31 ta' Dicembru |

## 2.3 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2017 inżammu 13-il laqgħa. L-attendenza kienet hekk kif murija f'Tabella Numru 1 annessa mar-Rapport.

## 2.4 Kumitat Amministrattiv Swatar

Il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar jaqa' taħt il-Kunsill Lokali tal-Imsida u ta' Birkirkara rispettivament.

Dan il-Kumitat huwa magħmul minn ħames persuni u jieħdu ħsieb jamministraw ż-żona tas- Swatar. Il-Kunsill Lokali L-Imsida dejjem mexa id f'id ma' dan il-Kumitat għall-ġid tar-residenti ta' din iż-żona.

Dan il-Kumitat jiehu hsieb jamministra z-zona tas-Swatar. Fl-2017 bdew it-thejjijiet biex jittranga l-*playingfield* u minflokk grownd tal-*football* isir *open air gym*. Gie approvat ukoll l-Belvder ta' Triq Indri Grima.
Fl-24 ta' Lulju, 2017, Is-Sur Michael Mifsud inhatar Segretarju Ezekuttiv ta' dan il-Kumitat.

## 3.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul is-sena kalendarja 2017 saru 13-il laqgħa tal-Kunsill, kif ukoll l-Laqgha Annwali, li saret fil-21 t' Marzu. Intbagħtu bosta ittri, filwaqt li ġew ipproċessati 3987 permess dwar xogħlijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq.

## 3.1 Ilmenti

Matul is-sena 2017, il-Kunsill irċieva **1547** ilment. 97% tal-ilmenti ġew magħluqa. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra l-ilmenti li jaslulu, għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fil-konfront tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-Industrial Projects and Services Ltd. (IPSL) u dawk taħt l-iskema ta' xogħol fil-komunita' (CWEF). Din it-tabella turi dawn il-figuri msemmija fir-rigward tal-ilmenti għas-sena 2017.

| *Ilmenti* | *Kunsill* | *E-gov* | *Oħrajn* | *Dawl fittoroq* | *Total* | *Persentaġġ* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ***Magħluqa*** | *1306* | *49* | | *148* | *1503* | 97 |
| ***Pendenti*** | *44* | *0* | *0* | | *44* | 3 |
| ***Total*** | *1350* | *49* | *0* | *148* | *1547* | 100 |

## 3.2 Kuntatt

Il-Kunsill kellu diversi laqghat ma' entitajiet u dipartimenti diversi fejn gew diskussi suggetti varji relatati mal-Imsida. Fosthom kien hemm laqghat mat-Transport Malta, Ministeri diversi, Green Pak, laqghat mad-Dipartiment tal-Kunsill Lokali, Kunsill tal-Junior Collage, MEPA, laqghat ma' kuntratturi u hafna ohrajn.

## 3.3 Xoghol ta kuljum u servizzi

Wara madwar tlett (3) snin bla Segretarju Ezekuttiv, fl-ahhar tas-sena 2016 u ghalhekk is-sena 2017, bdejniha b'Segretarju Ezekuttiv gdid fejn stajna nkomplu ntejjbu l-operat tal-Kunsill.

Tul is-sena jsir hafna xoghol li hemm minnu ma jidhirx , bhal xoghol li isir mill-ufficju fosthom permessi bhal ta' skips, krejnijiet etc., xoghol ta'infurzar fuq il-permessi , hlasijiet ta' kirjiet, rapporti lill-entitajiet fuq hsara li l-Kunsill mhux responsabbli ghalihom, koordinament ta' xoghlijiet, laqghat ma' Ghaqdiet, dipartimenti, Ministeri u entitajiet varji fosthom Transport Malta, pulizija, cleansing department, WSC, ghalkemm mhux dejjem ikollna rispons kif nixtiequ. Apparti dan, ta' kuljum jidhlu bosta telefonati u imejls li jkunu ta' lmenti jew suggerimenti biss hafna nies ghadhom ma jafux sa fejn il-Kunsill huwa responsabbli.

Ta' kuljum isir knis u tindif fit-toroq. Dan ammonta ghal 40,416 Ewro ghall-Imsida u 7,250 Ewro ghas-Swatar. Jigifieri it-total tal-infieq ghas-sena 2017 kien ta' 47,666 Ewro. Isir ukoll gbir ta' skart imhallat li ghas-sena 2017 ammonta ghal 84,504 Ewro ghall-Imsida u 11,941 Ewro ghas-Swatar.

Kul nhar ta' Tlieta jingabar l-iskart ghar-riciklag.Din is-sena tpoggiet *Clothes Container* hdejn il-Kunsill, biex ir-residenti isibuha iktar facli jiddisponu minn hwejjeg uzati. Is-servizz tal-Bulky Refuse isir darbtejn fil-gimgha u dan ammonta ghal 14,698 Ewro ghall-Imsida u 2,294 Ewro ghas-Swatar. Is-servizz ta' gbir tal-WEEE isir kull nhar ta' Tlieta. Servizzi ohra huma t-tindif tal-gonna u tahwil ta' pjanti u arbuxelli. tiswijiet u bdil ta' bozzoz fejn ikun hem bzonn, maintenance u tiswijiet tal-funtani. Fil-bini tal-Kunsill ghandna ukoll is-serviz tal-Berga li tiftah darbtejn fil-gimgha

Isir xoghol ukoll fit-toroq bhal fosthom refreshing tas-sinjali tat-toroq, xoghol ta' patching u twahhil ta' tabelli. Hafna mix-xoghol manwali isir bil-haddiema assenjati mal-Kunsill.

Bhalissa fl-Imsida hemm fenomenu fuq il-kostruzzjoni, m'hemmx triq li mhux qed isir xi tip ta' kostruzzjoni. Din mhux l-ewwel darba qed tohloq problemi kemm ghar-residenti u kemm ghal-Kunsill bhal meta kuntratturi jaqbdu jaghlqu toroq bla permess, gieli jarmaw minghajr *safety*, insibu makkinarju bla permess fit-toroq u anke jhallu hmieg warajhom. Ghalkemm il-Kunsill beda jahdem biex jaghmel verifika , infurzar u iwassal raporti fejn hemm bzonn, sfortunatament meta nirraportaw lill-entitajiet kkoncernati mhux dejjem qed insibu l-kooperazzjoni mixtieqa u l-Kunsill jehel ta' kull ma jigri!!

## 3.4 Xogħol ieħor, Progetti u Servizzi

a. Intlaqgħu 2566 talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (**Bulky Refuse**) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali. Minn dawn it-talbiet 324 minnhom kienu ġejjin mis-Swatar.

b. L-ewwel ġimgħa tax-xahar jsir ġbir ta' ħġieġ.

c. Servizz ta' Librerija li qed isir populari minn sena ghall-ohra.

d. Centru ta' l-Anzjani kull nhar ta' Erbgha u Gimgha.

e. Tindif tal-latrina pubblika huwa responsabbli minnu l-Kunsill Lokali sakemm issir sejha pubblika ghal-funzjoni taghha. Il-Kunsill Lokali qed jikkonsidra li jaghmel xoghlijiet estensivi biex jigu rrangati l-problemi u s-sistemi antiki fil-latrina.

f. Tlesta l-gnien mill-Gvern Centrali fi Triq Censu Farrugia u gie devolut lill-Kunsill. Saret ukoll il-kumplament ta' Triq Censu Farrugia.

g. Il-Kunsill ghamel rampi godda go Msida Circus, il-bankina ta' Triq l-Universita', bankina fi Triq il-Wied, bankina fi Triq Clarence u rrangar ta' bankina mas-Central Strip tas-Swatar. Sar manutenzzjoni ta' zebgha fiz-zona tal-bandli u anke manutenzzjoni tat-tapit ta' taht il-bandli.

h. Beda xoghol ta' tisbih fil-bandl u preparazjoni ghat-tqeghid ta' tapit gdid u apparat ghall-*Outdoor Gym* fil-bandli tas-Swatar fejn kien il-grownd tal-football.

i. Applikajna ghal fondi mill-UIF biex jibdew isiru l-progetti ta' bankini ta' parti minn Triq il-Bacir, l.-ewwel parti ta' Triq Tabib Robert Naudi u parti minn Triq Giorgio Mitrovich.

j. Il-permess tal-Belveder tas-Swatar fi Triq Indri Grima hareg.

k. Sar ukoll manutenzzjoni tal-water culverts li jaqghu taht ir-responabbilita' tal-Kunsill.

## 3.5 Edukazzjoni, Attivitajiet Socjali u Ghaqdiet

Il-Librerija l ghandna fil-bini tal-Kunsil hija wahda attiva Il-Librerija tghaddi minn process fejn kotba antiki u li ma baqghux tajbin jigu mibdula f'kotba ohra godda. Bhal kull sena l-Kunsill bl-iskema li hareg id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, xtara b'1606 Ewro kotba halli nkomplu naghtu servizz lir-residenti Misidjani fejn anke jekk jixtiequ xi ktieb minn librerija ohra f'kax li ahna ma jkollnix, jinqdew ukoll. B'hekk anke persuni, li m'humiex residenti fil-Lokal taghna, jiddisponu minn dan is-servizz.

Il-Kunsill jorganizza diversi attivitajiet, kemm edukattivi, socjali u anke rekreattivi. Fosthom korsijiet tal-IT, kemm ghat-tfal u kemm ghall-adulti. Korsijiet tad-Drama ghat-tfal mad-DARC production, Read with Me, li huwa sessjonijiet ta' qari ghat-tfal zghar, Ghajnuna Homework b'kollaborazzjoni mac-Centru Appogg tal-Imsida.

Gew organizzati recti u serati ta' kant u cajt flimkien mal-group Ilhna Ferrieha, kuncert ghal zmien l-Ghid mill-orkestra tal-Junior College, hmistax qabel il-festa, jigu organizzati diversi attivitajiet fosthom ghat-tfal fejn morna l-Esplora, harga ghal-familja bil-Hop On Hop Off, zorna l-anzjani u giet imtella s-serata Gieh l-Imsida fejn tinghata l-midalja Mertu Msida. Fil-karnival ukoll saret attivita' ta' zfin f'Misrah San Guzepp.

Ma' diversi ghaqdiet dejjem konna hemm biex naghtu s-sapport taghna u norganizzaw attivitajiet flimkien mal-Ghaqda tal-Gostra u mal-Ghaqda tan-Nar fejn fost affarijiet ohra naghtu attenzjoni xierqa ghas-sahha u sigurta permezz ta' ambulanza u *fire engine*, man-*Nursery* tittella serata fejn kull tifel u tifla jinghata token , l-Iscouts jiehdu hsieb il-parata ta' Jum l-Imsida, mal-Banda Melita San Guzepp sar kuncert fl-gheluq il-150 sena tal-parrocca taghna u anke wara l-purcissjoni tal-Bambin Gesu' fi zmien il-Milied.

Mac-Centru Appogg u l-kommunitajiet diversi li jghixu gol-Imsida, saret attivita' go Misrah San Guzepp dwar l-inkluzzjoni. F'Ottubru, fil-gimgha tad-Diabete mal-Ghaqda Malta La Valette Rotaract fejn ghamlu testijiet taz-zokkor b'xejn in-nies.

Lill-Anzjani tintbghatilhom Birthday Card fejn kull l-ahhar Hamis tax-xahar issir quddiesa u wara issir bibita ghal dawk ir-residenti li jghalqu gheluq zmienhom. Ghall-Anzjani ghandna c-Centru ta' Matul il-Jum, li jiftah nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha. Bhas-snin ta' qabel, il-Kunsill offra s-servizz tal-ghoti tat-tilqima stagjonali tal-influwenza. Din is-sena n-numru ta' residenti li hadu din it-tilqima kien ta' 'il fuq minn 200 persuna. Ghall-ewwel darba l-Kunsill flimkien mad-Dar tal-Anzjani organizza ikla f'Jum il-Milied lil dawk l-anzjani li jkunu wehidhom.

## 3.6 Kunsill Lokali Zghazagh (KLZ)

Il-Kunsill Lokali taz-Zghazagh huwa maghmul minn 3 zghazagh. Dan il-Kunsill huwa wiehed attiv ghalkemm dawn iz-zghazagh ghadhom jistudjaw. Fl-2017 dan il-Kunsill ghamel progett ta' tisbih fi Triq il-Wied li ahna iktar nafuh bhala t-Tarag it-Twil.

## 4.0 Konkluzżjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-impjegati, lill-ħaddiema u il-voluntarji tal-Kunsill, tal-hidma u il-kollaborazzjoni tagħhom, għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u ppjanat mis-Sindku u l-Kunsilliera seta' jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv

Tabella Nru. 1

# Attendenza tal-Membri tal-Kunsill Lokali

**L-Imsida** **Tabella 1**

| Numru tal-Laqgħa | Data tal-Laqgħa | Margaret Baldacchino Cefai | Alex Sciberras | Emanuel Brincat | Lino Bartolo | Romina Galea | Maurice Agius | Charles Selvaggi | Matthew Agius | Alan Abela Wadge | Matthew Mangion KAS | Mark Aquilina KLZ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L7-53 | 1/24/2017 | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Skuzat | |
| L7-54 | 2/21/2017 | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Skuzat | assenti | |
| L7-55 | 3/21/2017 | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Skuzat | Skuzat | Skuzat | |
| L7-56 | 3/28/2017 | Prezenti | Assenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Skuzat | Skuzat | Skuzat | |
| L7-57 | 4/25/2017 | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | assenti | |
| L7-58 | 5/23/2017 | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Skuzat | Skuzat | |
| L7-59 | 6/27/2017 | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Skuzat | Skuzat | |
| L7-60 | 8/1/2017 | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Skuzat | Skuzat | Skuzat | |
| L7-61 | 8/28/2017 | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | assenti | |
| L7-62 | 9/29/2017 | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Skuzat | Skuzat | |
| L7-63 | 10/24/2017 | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | assenti | |
| L7-64 | 11/28/2017 | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Skuzat | Skuzat | Skuzat | |
| L7-65 | 12/18/2017 | Prezenti | Skuzat | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Prezenti | Skuzat | assenti | |